MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2014

Numru 1203/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Emanuele Cardinale**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Emanuele Cardinale ta' hamsa u sittin (65) sena, bin Vincenzo u Caterina neè Pullio, imwieled Capaci fi Sqallija fis-7 ta' Novmebru 1949, residenti f'indirizz mhux maghruf u detentur tal-Karta ta' l-Identità Taljana bin-Numru AN 5497236 talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-5 ta' Dicembru 2014 u fil-granet ta' qabel, f'Haz-Zebbug u f'postijiet differinti fil-gzejjer Maltin:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, meta l-ammont tal-hsara maghmula m'huwiex ta' aktar minn hames mitt euro (€500), ghad-dannu Amanda Mangion u/jew persuni ohra;

2. Ghamel uzu, xjentament, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

3. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentament qiegħed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq.

4. Bhala persuna li ggestixxa attivita kummercjali minn xi triq, liema attivita ma kienetx ezercitata minn xi suq fil-berah, ggestixxa din l-attivita minghajr licenzja mill-Awtorità Regolatorja.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. "A", l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Dok. "B", fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Taljana ta' l-imputat Dok. "C", il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "D", rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz Dok. "E" u inventarju ta' l-oggetti elevati mill-pussess ta' l-imputat Dok. "F".

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena*;*

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar il-5 ta' Dicembru 2014 u fil-granet ta' qabel, f'Haz-Zebbug u f'postijiet differinti fil-gzejjer Maltin: (1)B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, meta l-ammont tal-hsara maghmula m'huwiex ta' aktar minn hames mitt euro (€500), ghad-dannu Amanda Mangion u/jew persuni ohra; (2) Ghamel uzu, xjentament, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; (3) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentament qiegħed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq; u (4) Bhala persuna li ggestixxa attivita kummercjali minn xi triq, liema attivita ma kienetx ezercitata minn xi suq fil-berah, ggestixxa din l-attivita minghajr licenzja mill-Awtorità Regolatorja.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti ssib hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u li ghandu fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 298(1)(c) u (f), 308 u 310(1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tikkundannah ghall-perijodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija ghal sena (1) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

A tenur ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-imputat ihallas lil Amanda Mangion is-somma ta’ mitt Euro (€100) fi zmien hmistax millum. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi legali f’kaz li jonqos li jikkonforma ruhu mad-direttiva Minnha moghtija f’din is-sentenza.

Wara li rat u kkunsidrat ir-Regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 u l-Artikolu 18 tal-Kap.441 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati tar-raba’ akkuza dedotta fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ammontanti ghal mitejn Euro (€200), liema multa ghandha tithallas sa’ nhar l-Erbgha 10 ta’ Dicembru 2014.

Ai termini ta’ l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-oggetti foloz elevati mill-pussess ta’ l-imputat. Tordna wkoll li dawn l-istess oggetti jigu distrutti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------